

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15434/25

FREMP 336
JAI 1688
AG 183
POLGEN 203
DISINFO 102
HYBRID 148
AUDIO 113
EDUC 447
JEUN 237
CULT 129
COMPET 1162

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 790 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 790 final.

Mehmuż: COM(2025) 790 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.11.2025
COM(2025) 790 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija tal-UE għas-Soċjeta Ċivili

1. INTRODUZZJONI

Spazju ċiviku miftuħ, b'soċjetà ċivili vibranti huwa fiċ-ċentru tad-demokrazija tagħna. Is-soċjetà ċivili għandha rwol essenzjali fis-soċjetajiet tagħna billi tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika, taħdem bi sħab mal-gvernijiet fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi, tipprovdi appoġġ u servizzi soċjali u komunitarji, toħloq sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet soċjali importanti, u tirrappreżenta gruppi diversi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-kontribut tas-soċjetà ċivili huwa kritiku biex jitrawmu l-involviment taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni demokratika, kif ukoll dibattitu pubbliku inklużiv, inkluż billi ż-żgħażaġh jiġu attivament involuti. Is-soċjetà ċivili għandha wkoll rwol importanti fis-sistema ta' kontrokkontrolli demokratiċi, billi tgħin fil-monitoraġġ tal-politika u tat-teħid tad-deċiżjonijiet u trawwem it-trasparenza u l-akkontabilità.

Is-soċjetà ċivili topera fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali – kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha – u tgħin fil-**promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta)**. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol importanti tagħha, it-Trattati fundaturi tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jinvolvu lis-soċjetà ċivili permezz ta' djalogu miftuħ, trasparenti u regolari u biex iwettqu l-ħidma tagħhom bl-aktar mod miftuħ possibbli sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni inklużiva u attiva tas-soċjetà ċivili¹.

L-involviment tas-soċjetà ċivili huwa pedament tat-tfassil tal-politika tal-UE. Diversi għodod u proċessi fil-livell tal-UE jagħtu l-opportunità lis-soċjetà ċivili tippreżenta l-fehmiet tagħha u tkun involuta fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-UE, u l-Kummissjoni stabbiliet djalogu strutturat tas-soċjetà ċivili f'ħafna oqsma ta' politika. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) jipprovdu pariri u għarfien espert billi jipparteċipaw fil-ħidma tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u fora rilevanti oħrajn. Il-**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)** għandu wkoll rwol ewlieni biex iwassal il-vuċi tas-soċjetà ċivili organizzata fil-livell Ewropew.

Biex dan **l-involviment ikun effettiv**, l-UE rrikonoxxiet dejjem aktar li s-soċjetà ċivili teħtieġ **ambjent abilitanti, sikur u ta' appoġġ** madwar l-UE². Dan jinkludi **protezzjoni adegwata** għall-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) li jesperjenzaw spazju ċiviku li kumplessivament qed jiċkien, u li jħabtbu wiċċhom ma' theddid u attakki fir-rigward tal-ħidma tagħhom³. **Appoġġ finanzjarju** sostenibbli u trasparenti huwa essenzjali wkoll għal soċjetà ċivili b'saħħitha u biex jiġi żgurat li l-OSĊ jkunu jistgħu joperaw b'mod indipendenti.

Filwaqt li tibni fuq l-oqfsa eżistenti u fuq l-impenn fil-[Linji Gwida Politiċi għall-2024–2029](#) biex jiżdied l-involviment tal-OSĊ u biex jiġi żgurat li jkunu appoġġati u protetti fil-ħidma tagħhom ta' kuljum, l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili tistabbilixxi sensiela ta' azzjonijiet konkreti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, inkluż fir-rigward

¹L-Artikolu 11 tat-TUE; L-Artikolu 15, il-paragrafu 1, tat-TFUE.

²Ara [l-Istrateġija tal-Karta tal-2020](#) u [r-Rapport dwar il-Karta tal-2022](#), [ir-Rapport tal-Parlament Ewropew tal-2022 dwar l-isparju jiċkien għas-soċjetà ċivili fl-Ewropa](#); Il-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#).

³L-Artikoli 11 u 12 tal-Karta.

tal-azzjoni esterna tal-UE. Dawn l-azzjonijiet huma strutturati madwar tliet objettivi ewlenin:

- **It-tisħiħ tal-involvement effettiv u sinifikanti tas-soċjetà ċivili bħala sħab fil-governanza**
- **L-iżgurar ta' spazju ċiviku miftuħ, sikur u abilitanti billi jiġu pprovduti appoġġ u protezzjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**
- **L-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'finanzjament adegwat, sostenibbli u trasparenti**

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili**, li se tipprovi qafas regolari u strukturat għall-involvement tal-OSĊ magħha f'oqsma rilevanti għad-difiża tal-valuri tal-UE, b'mod partikolari daww li jaħdmu għall-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-Linji Gwida Politiċi.

L-Istrateġija tistabbilixxi wkoll qafas komuni biex jiggwida u jsaħħaħ l-involvement tal-OSĊ mal-Kummissjoni. Filwaqt li tirrikonoxxi li kull qasam ta' politika jista' jkollu rekwiżiti speċifiċi u mekkaniżmi differenti għall-involvement, mhix tfttex li tistandardizzahom. Minflok, hija tistabbilixxi **sett ta' prinċipji gwida** biex iservu ta' qafas kondiviż għat-tweqqif ta' djalogi ddedikati mas-soċjetà ċivili f'setturi tal-politika differenti, b'enfasi fuq parametri ewlenin għad-djalogu, bħas-sħubija, it-trasparenza, ir-rappreżentanza u l-akkontabilità. Fit-tfassil ta' dawn il-prinċipji, l-Istrateġija tqis bis-sħiħ u tikkomplementa l-mekkaniżmi istituzzjonali li diġà jeżistu, b'mod partikolari permezz tal-KESE.

L-Istrateġija għandha l-għan li ssaħħaħ l-azzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, billi tinvolvi mill-qrib lill-Istati Membri u lill-pajjiżi tat-tkabbir⁴, biex tippromwovi u ssostni spazju ċiviku b'saħħtu. Hija għandha wkoll l-għan li trawwem **koerenza akbar bejn l-attivitajiet interni u esterni tal-UE** f'dan il-qasam. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE hija kruċjali, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-KESE, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u mal-Istati Membri. Approċċ koerenti u kollaborazzjoni b'saħħitha se jrawmu sens ta' responsabbiltà kondiviża, li se tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi billi ssaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika, ir-reżiljenza u l-fiduċja pubblika. Din l-Istrateġija tikkomplementa l-azzjonijiet stabbiliti fit-**Tarka Ewropea għad-Demokrazija**.

Fit-tħejjija tal-Istrateġija, il-Kummissjoni ġabret input permezz ta' konsultazzjonijiet estensivi ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati⁵. L-Istrateġija ġiet infurmata wkoll

⁴Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE se jiġu integrati f'azzjonijiet rilevanti u assoċjati b'mod simili għall-Istati Membri fl-Istrateġija. L-Istrateġija tirrikonoxxi l-ispazju ċiviku fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tat-tkabbir bħala spazju kontinwu u kondiviż.

⁵Dawn il-konsultazzjonijiet kienu jinkludu sħarriġ ta' konsultazzjoni pubblika; Sħarriġ tal-Ewrobarometru; u laqgħat ta' konsultazzjoni mmirati mal-OSĊ, id-donaturi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kummissjoni kkonsultat l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili taż-żgħażaġh fil-qafas tal-Verifika taż-Żgħażaġħ tal-Kummissjoni.

b' [opinjoni tal-KESE](#), input mill-Istati Membri, u skambji li saru mal-FRA, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

2. IS-SOĊJETÀ ĊIVILI BĦALA SĦAB FIL-GOVERNANZA: IT-TISĦIĦ TA' INVOLVIMENT EFFETTIV U SIEWI

Is-soċjetà ċivili tikkontribwixxi għal **tfassil ta' politika aktar effettiv, inklużiv u rappreżentattiv fil-livell tal-UE, fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali**. L-iżgurar li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jagħtu sehemhom b' mod sinifikanti fil-ħajja pubblika u jikkontribwixxu bil-fehmiet tagħhom permezz ta' proċessi trasparenti huwa element importanti ta' proċess ta' tfassil ta' politika robust u inklużiv.

Għall-fini tal-Istrateġija, bl-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ)** wieħed għandu ġeneralment jifhem l-**organizzazzjonijiet kollha mhux Statali, mingħajr skop ta' qligħ, indipendenti, mhux partiġjani u mhux vjolenti**, li permezz tagħhom in-nies jipprovaw jiksbu u jiddefendu objettivi u ideali kondiviżi⁶. Dawn huma entitajiet awtonomi li huma indipendenti mill-gvern jew minn interessi kummerċjali, li jvarjaw minn gruppi informali, għal gruppi semiformali u formali, u jistgħu jkunu bbażati fuq is-sħubija, ibbażati fuq il-kawża, jew orjentati lejn is-servizz⁷. Huma jistgħu joperaw fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, u jkunu mmexxija minn voluntiera u/jew persunal imħallas.

Bid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem wieħed għandu ġeneralment jifhem individwi, gruppi u organi tas-soċjetà li jippromwovu u jiproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti universalment, inklużi d-drittijiet tat-tfal⁸.

L-Istrateġija tiffoka fuq l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-involviment tas-sħab soċjali (eż. ir-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-ħaddiema) mhuwiex kopert mill-Istrateġija minħabba l-istatus speċifiku tagħhom skont id-dritt tal-UE, kif rikonoxxut fl-Artikolu 154 tat-TFUE.

F'konformità mal-valuri tal-UE, **l-Istrateġija tkopri OSĊ indipendenti, trasparenti u li għandhom akkontabilità**, u li jikkondividu u jiffunzjonaw skont l-impenn tal-UE għar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertajiet, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

L-Ewropej jirrikonoxxu b' mod ċar il-kontributi tal-OSĊ billi 87 % ta' dawk li wiegħbu l-[istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2023](#) qiesu li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol

⁶Ara [Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2023/2836](#) dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika; [Guidelines for EU support to civil society in the enlargement region 2021-2027](#); u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, dwar [L-għerq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni](#). Il-kunċett ta' "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" użat f'din l-Istrateġija mhuwiex definizzjoni legalment vinkolanti u jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi skont id-dritt tal-UE fir-rigward tal-organizzazzjonijiet imsemmijin f'din il-Komunikazzjoni, bħal skont ir-[Regolament Finanzjarju](#) tal-UE.

⁷Xi eżempji huma l-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità, l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-istituzzjonijiet tal-karità, il-fondazzjonijiet, il-movimenti taż-żgħażaġh u soċjali, u l-kooperattivi.

⁸Fl-Istrateġija, it-terminu "OSĊ" jirreferi kemm għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, iżda ma jinkludix dawk l-individwi jew gruppi li jwettqu jew jikkawżaw il-vjolenza. Ara l-paragrafi 2 u 3 tal-[Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem](#) u l-premessa 11 tad-[Direttiva tal-UE kontra s-SLAPP](#).

importanti fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija u valuri oħrajn tal-UE, bħarispett għad-drittijiet fundamentali, inkluż f'termini tat-trawwim ta' dibattitu demokratiku infurmat tajjeb u pluralistiku. 42 % ta' dawk li wiegħbu l-[Ewrobarometru tal-2025](#) qiesu li l-kxif tal-korruzzjoni kien l-aktar qasam sinifikanti tal-ħidma tas-soċjetà ċivili, segwit mid-difiża tad-drittijiet individwali (41 %), l-għoti ta' servizzi (39 %) u l-monitoraġġ tal-azzjoni tal-gvern (28 %).

2.1. It-tisħiħ tal-involvement tas-soċjetà ċivili u d-djalogu magħha

Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti fl-għoti ta' pariri, appoġġ u għarfien espert **fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE** f'firxa wiesgħa ta' setturi, bħall-agrikoltura, il-politika ta' koeżjoni, il-kultura, il-politika soċjali, l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-politika tal-kompetizzjoni, il-politika medjatika u diġitali, il-migrazzjoni u l-ażil, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-klima u l-ambjent, il-mobbiltà, il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni internazzjonali, u l-politika tat-tkabbir. B'mod aktar ġenerali, hija tgħin fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet minquxa fil-Karta⁹, il-prevenzjoni u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva u l-inkoraġġiment taż-żgħażaġh biex jipparteċipaw fil-proċessi demokratiċi. Huma jikkontribwixxu wkoll għat-trawwim tat-tħejjija u r-reżiljenza tas-soċjetà¹⁰. Huma sħab importanti fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-progress tar-riformi u n-negozjati tal-adeżjoni fil-kuntest tat-tkabbir.

Jeżistu **diversi mekkaniżmi ta' involvement** fil-livell tal-UE, li jippermettu lill-OSĊ jikkontribwixxu matul iċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika fl-oqsma kollha ta' politika, mill-istadji inizjali ta' tħejjija tal-inizjattivi sal-fażi ta' implimentazzjoni. Pereżempju, il-portal Semma' Lehnok huwa l-punt tad-dħul għall-kontributi kollha għall-proposti leġiżlattivi, għall-evalwazzjonijiet, għall-kontrolli tal-idoneità u għall-komunikazzjonijiet permezz tal-konsultazzjonijiet pubbliċi.

Il-Kummissjoni tuża firxa wiesgħa ta' mezzi ta' **konsultazzjoni** għall-involvement tal-OSĊ magħha. Apparti [l-għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar](#), dawn jinkludu strutturi ta' djalogu formali bħad-**djalogi dwar l-implimentazzjoni, id-djalogi ta' politika maż-żgħażaġh, il-bordijiet konsultattivi**, kif ukoll il-**gruppi esperti** u arranġamenti flessibbli oħrajn (eż. gruppi fokali *ad hoc* dwar kwistjonijiet speċifiċi, jew permezz ta' pjattaformi u networks tal-partijiet ikkonċernati). Fil-livell nazzjonali, in-[network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE](#), ġestit b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Regġuni, u ċ-**ċentri ta' Europe Direct** jistgħu jgħinu biex joħlqu kollegament mas-soċjetà ċivili fil-prattika u biex jinvolvuha. Il-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tal-UE wkoll jinvolvu b'mod regolari lill-OSĊ fil-pajjiżi tat-tkabbir u f'pajjiżi terzi.

Jeżistu **djalogi ddedikati għas-soċjetà ċivili** f'diversi oqsma ta' politika. Pereżempju, djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili fil-politiki tal-impjegi u soċjali huwa żgurat permezz tal-proċess tas-[Semestru Ewropew](#) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma sħab ewlenin għall-implimentazzjoni tal-[Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#). Id-djalogi tas-soċjetà ċivili xi drabi jkopru wkoll partijiet ikkonċernati settorjali speċifiċi. Pereżempju, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-komunitajiet rurali permezz tal-[Patt Rurali](#) skont il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, jew djalogu ma' gruppi reliġjużi jew mhux settarji, stabbiliti skont l-Artikolu 17 tat-TFUE. Il-[Pjattaforma Ewropea tad-Diżabilità](#)

⁹Ara, pereżempju, ir-[Rapport Annwali dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tal-2022](#).

¹⁰Il-[Komunikazzjoni Konġunta](#) dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza.

tappoġġa l-kooperazzjoni mal-Istati Membri u mas-soċjetà ċivili dwar l-implimentazzjoni tal-[Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità](#), u l-[Pjattaforma tal-UE dwar il-Parteċipazzjoni tat-Tfal](#) tippromwovi d-dritt li t-tfal jinstemgħu fit-tehd tad-deċiżjonijiet u tappoġġa lis-soċjetà ċivili fit-trawwim tal-involviment tat-tfal¹¹.

Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili, li se ssir operattiva mill-2026, se ssaħħaħ id-**djalogu dwar il-valuri tal-UE**. Hija se tipprovdi **qafas regolari u strutturat** għad-djalogu dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-UE, is-simplifikazzjoni u t-tiġid tal-involviment dwar id-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt, u toffri spazju biex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw l-OSĊ li jaħdmu f'dawn l-oqsma¹². Il-Pjattaforma se tiffaċilita l-iskambji dwar l-oġettivi tal-Istrateġija biex jissaħħu l-involviment, l-appoġġ u l-protezzjoni, tippermetti kontribut f'waqtu u sinifikanti għall-iżvilupp tal-politika, u dwar il-finanzjament.

Biex ittejjeb il-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, u tagħmel l-involviment aktar faċli għall-OSĊ, il-Kummissjoni se tistabilixxi **sit web** għall-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili fejn se tippublika informazzjoni u riżorsi dwar il-ħidma tal-Pjattaforma kif ukoll informazzjoni dwar id-djalogi tal-Kummissjoni mas-soċjetà ċivili f'oqsma ta' politika oħrajn. Dan se jippermetti lill-organizzazzjonijiet isibu faċilment informazzjoni, dati, rekwiżiti għall-parteċipazzjoni u possibbiltajiet li jesprimu interess għall-parteċipazzjoni fi djalogi differenti.

Bħala parti mill-Pjattaforma, il-Kummissjoni se torganizza **summit annwali** flimkien mal-KESE biex jiġu żviluppati sinerġiji bejn id-djalogi li għaddejjin u jiġu diskussi l-prijoritajiet strateġiċi.

Il-Pjattaforma se jkollha struttura aġli u adattabbli, imfassla biex tirreaġixxi għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li jinbidlu. Fl-iżvilupp tal-funzjonament tal-Pjattaforma, il-Kummissjoni se tuża l-aħjar prattiki eżistenti fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll l-għarfien espert tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-KESE u l-[Pjattaforma għad-Drittijiet Fundamentali](#) tal-FRA. Maż-żmien, il-Pjattaforma tista' tiġi estiża biex tkopri oqsma ta' politika oħrajn.

2.2 Prinċipji gwida għal djalogu effettiv u sinifikanti mas-soċjetà ċivili

Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li filwaqt li jeżistu ħafna strutturi importanti għall-involviment, tajjeb li jkun hemm **aktar konsistenza** bejniethom. L-istrateġija tipproponi **10 prinċipji gwida għad-djalogu bejn il-Kummissjoni u s-**

¹¹Eżempji oħrajn jinkludu l-[Bauhaus Ewropea l-Ġdida](#); il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqg għan-Nisa u l-Irġiel; [Il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-Qasam taż-Żgħażaġħ](#); [Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-Traffikar tal-Bnedmin](#); [Il-Grupp ta' esperti dwar il-fehmiet tal-migranti fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-integrazzjoni](#); [il-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar id-Drogi](#); [Il-Forum bejn l-UE u l-NGOs dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#); [Id-djalogu tas-soċjetà ċivili kummerċjali](#); [Il-forum tas-soċjetà ċivili kontra r-razziżmu](#); [Il-Pjattaforma tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi](#); [Il-Pjattaforma Ewropea għar-Rom](#); [Il-Grupp Konsultattiv għall-Politika tal-Konsumatur](#).

¹²Ara data reċenti, pereżempju [l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, Protecting civil society – Update 2023](#); [Konsultazzjonijiet tal-FRA dwar l-ispazju ċiviku 2024 – konstatazzjonijiet ewlenin](#); [Rapport ta' Sinteżi Fattwali](#) dwar il-konsultazzjonijiet għall-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili (Rapport ta' sinteżi fattwali).

soċjetà ċivili¹³ filwaqt li tirrikonoxxi li biex id-djalogu jkun effettiv u sinifikanti jeħtieġ dejjem li jiġi adattat għal objettivi speċifiċi u ħtiġijiet speċifiċi għas-settur.

Dawn il-prinċipji gwida maħsubin li jservu ta' qafas kondiviż għat-tweġiq ta' mekkaniżmi ta' djalogu ddedikati mal-OSĊ fis-setturi ta' politika kollha, li japplikaw kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-OSĊ. Importanti li l-OSĊ infushom jiżguraw li l-prattiki u l-istrutturi tagħhom stess ikunu **trasparenti, responsabbli u konformi mal-valuri tal-UE**, sabiex l-involviment tagħhom f'tali djalogu jkollu akkontabilità u jkun ibbażat fuq standards komuni u jkun jirrispetta r-rwoli tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-gwida biex jirċievu finanzjament¹⁴. Dawn il-prinċipji huma bbażati fuq l-input minn diversi konsultazzjonijiet, dokumenti u rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE, l-aħjar Prattiki eżistenti fl-UE, u standards u Prattiki Żviluppata fil-livell internazzjonali¹⁵.

10 prinċipji gwida għal djalogu mas-soċjetà ċivili

- 1) **Sħubija**: Il-kooperazzjoni għandha tilqa' l-kontribut proattiv tas-soċjetà ċivili bħala sħab fit-tfassil tad-djalogu, fl-iffissar tal-prijoritajiet u l-aġendi, fid-definizzjoni tal-objettivi jew fl-evalwazzjoni tal-eżiti.
- 2) **Komprensività**: Id-djalogu għandu jara li jinvolvi l-parteċipazzjoni mis-soċjetà ċivili matul l-istadji differenti tat-tfassil tal-politika.
- 3) **Prevedibbiltà u regolarità**: Id-djalogu għandu jkun parti minn proċess prevedibbli u regolari u jipprovdi perjodi ta' żmien adegwati għall-kontributi.
- 4) **Trasparenza**: Għandha tkun żgurata komunikazzjoni ċara dwar il-proċeduri, l-objettivi, il-kronoloġiji u l-kriterji ta' parteċipazzjoni, flimkien ma' aċċess f'waqtu u adegwat għad-dokumenti rilevanti, f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli.
- 5) **Rappreżentanza**: L-għażla tal-parteċipanti għandha tkun ibbażata fuq l-indipendenza, il-leġittimità, ir-rappreżentattività u l-għarfien espert tal-organizzazzjonijiet, kif ukoll l-aderenza tagħhom mal-valuri tal-UE.
- 6) **Inklussività**: Id-djalogu għandu kemm jista' jkun jinkludi varjetà adegwatament wiesgħa ta' organizzazzjonijiet, u jirrifletti bilanċ settorjali u ġeografiku u

¹³Dawn il-prinċipji għandhom jiggwidaw il-mekkaniżmi ta' djalogu mal-OSĊ, filwaqt li jirrikonoxxu li hemm ħafna forum oħrajn ta' involviment, bħall-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej, il-konsultazzjonijiet pubbliċi, l-innovazzjoni miftuħa, ix-xjenza taċ-ċittadini, jew proċessi deliberattivi rappreżentattivi.

¹⁴Ara l-[gwida](#) ppubblikata mill-Kummissjoni.

¹⁵[Rapport ta' sinteżi fattwali](#); Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836; Opinjoni tal-KESE SOC/840-EESC-2025; [Il-Pjan Direzzjonali tas-Segretarju Ġenerali tal-KtE](#) dwar l-Involviment tas-Soċjetà Ċivili mal-Kunsill tal-Ewropa 2024–2027, SG/Inf(2023)28; Il-Konferenza tal-INGOs tal-KtE, [Code of Good Practice](#) for Civil Participation in the Decision-Making Proċess; [Open Government Partnership Participation and Co-Creation Standards](#); [OECD Working Paper on Public Governance No. 81](#).

b'kunsiderazzjoni xierqa għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi li huma sottorappreżentati, emarġinati jew f' sitwazzjonijiet vulnerabbli.

7) **Aċċessibilità:** Id-djalogi, kemm jekk isiru online kif ukoll offline, għandhom jiffasslu u jiġu implimentati b'għodod teknoloġiċi xierqa bil-ħsieb li jitneħħew l-ostakli għall-aċċessibilità u jippermettu parteċipazzjoni sħiħa u ugwali.

8) **Akkontabilità:** Ir-rispons dwar kif id-djalogu jikkontribwixxi għall-avvanzi fil-politika għandu jrawwem l-akkontabilità u l-fiduċja reċiproċi.

9) **Riżorsi:** Meta jkun applikabbli, għandu jkun hemm disponibbli appoġġ finanzjarju jew loġistiku biex jippermetti l-parteċipazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet fil-livell bażi u dawk ibbażati fil-komunità biex jiġi żgurat li ma jiġux esklużi minħabba mezzi limitati.

10) **Sikurezza:** Jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sikur fid-djalogu, inkluż permezz ta' miżuri xierqa għall-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità.

Dawn il-prinċipji jirriflettu l-parametri ewlenin għall-involviment ċiviku stabbiliti fir-[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2023/2836](#), li tistieden ukoll lill-Istati Membri joħolqu opportunitajiet akbar għaċ-ċittadini u għall-OSĊ biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni, bosta Stati Membri ħadu passi biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha, inkluż billi jistabbilixxu oqfsa u pjattaformi istituzzjonali ġodda għad-djalogu mas-soċjetà ċivili, iħejju gwida dwar il-konsultazzjonijiet matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ikollhom involviment regolari mas-soċjetà ċivili fl-oqfsa ta' politika kollha u jiżguraw b'mod aktar sistematiku l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċessi ta' konsultazzjoni¹⁶.

Sar progress importanti, iżda l-OSĊ għadhom jirrapportaw xi nuqqasijiet u, wara kważi sentejn mill-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, hemm bżonn ta' **aktar ġbir ta' data** u **segwitu** dwar l-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli **tappoġġa l-bini tal-kapaċità fil-livell nazzjonali** għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u torganizza skambji mal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-KESE u l-FRA. Dawn se jiffukaw fuq it-tiħiħ tal-involviment, l-appoġġ u l-protezzjoni għas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali.

Il-Kummissjoni qed tippjana li żżid ukoll il-kollaborazzjoni tagħha mas-soċjetà ċivili permezz ta' pjattaformi u inizjattivi differenti. Hija se tinvolvi liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet f'diversi fora taż-żgħażaġh, se tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'dibattiti dwar il-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini, u se tgħaqqad lis-soċjetà ċivili mal-kontribut taċ-ċittadini mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej biex jgħin fit-fassil tal-politiki tal-UE.

Is-soċjetà ċivili hija attur essenzjali fl-aġenda tat-tkabbir. Għal Stat Membru tal-UE aspiranti, soċjetà ċivili vibranti tikkontribwixxi għall-proċess tal-adeżjoni. L-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-tkabbir jista' jikkontribwixxi għall-approfondiment tal-fehim taċ-ċittadini tar-riformi meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-

¹⁶Pereżempju, fiċ-Ċekja, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Irlanda, fi Franza, fil-Portugall, fil-Latvja u fil-Finlandja, ġew stabbiliti bosta korpi konsultattivi li jinkludu l-OSĊ biex jagħtu pariri lill-gvern f'oqfsa differenti (eż. id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni akbar fl-età, l-ugwaljanza għall-minoranzi nazzjonali u għal-LGBTIQ+).

adeżjoni. Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'dawn il-proċessi, il-Kummissjoni se tidderieġi l-ħidma biex tistituzzjonalizza u tistandardizza l-konsultazzjoni fil-pajjiż tal-OSĊ fit-tnejn tal-laqgħat tal-korpi rilevanti skont il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u s-segwitu u l-monitoraġġ tagħhom.

Il-Kummissjoni se:

- Tistabbilixxi Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili biex iżżid l-involvement tagħha mal-OSĊ attivi fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-UE, bil-possibbiltà li tespandi għal oqsma oħra ta' politika maż-żmien.
- Torganizza summit annwali tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili flimkien mal-KESE.
- Timpromwovi l-użu tal-10 prinċipju gwida għad-djalogu mas-soċjetà ċivili.
- Tinvolti lis-soċjetà ċivili permezz tal-Bord Konsultattiv taż-Żgħażaġħ għall-President tal-Kummissjoni, il-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh, id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u d-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ u tippromwovi l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fid-dibattiti promossi dwar il-Pjattaforma għall-Involvement taċ-Ċittadini.
- Tinvolti lis-soċjetà ċivili madwar il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej bħala mod kif jinħoloq pont bejn l-OSĊ u l-involvement taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politiki tal-UE.
- Tappoġġa l-bini tal-kapaċità nazzjonali u torganizza skambji mal-Istati Membri dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 dwar il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti, inklużi l-KESE u l-FRA.
- L-istituzzjonalizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-konsultazzjoni fil-pajjiż mal-OSĊ fit-tnejn tal-laqgħat tal-korpi rilevanti skont il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u s-segwitu u l-monitoraġġ tagħhom.

L-Istati Membri mistednin:

- Isaħħu l-mekkaniżmi u l-politiki ta' involviment f'konformità mal-prinċipji identifikati fl-Istrateġija, inkluż billi jieħdu passi ulterjuri biex jimplementaw bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836, fir-rigward tal-parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

3. L-GĦOTI TA' APPOĠĠ U PROTEZZJONI: L-IŻGURAR TA' SPAZJU ĊIVIKU MIFTUĦ, SIKUR U ABILITANTI

Spazju ċiviku b'saħħtu¹⁷ jeħtieġ **ambjent legali, amministrattiv u regolatorju abilitanti**, fejn l-OSĊ jiġu appoġġati u jissaħħu, u fejn ikunu protetti u jistgħu joperaw liberament. Skont sħarriġ tal-[Ewrobarometru tal-2024](#) dwar l-istat tad-dritt, 86 % tal-Ewropej iqisu li huwa importanti li l-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-Istati Membri jkunu jistgħu joperaw liberament u mingħajr pressjoni. Iż-żamma ta' ambjent

¹⁷L-ispazju ċiviku jirreferi għall-“ambjent li jippermetti lin-nies u lill-gruppi – jew “l-atturi tal-ispazju ċiviku” – jipparteċipaw b'mod sinifikanti fil-ħajja politika, ekonomika, soċjali u kulturali fis-soċjetajiet tagħhom” ([UN Guidance Note on Protection and Promotion of Civic Space](#)) jew “is-sett ta' kundizzjonijiet legali, politiċi, istituzzjonali u prattiċi li l-atturi mhux statali jeħtieġu biex jaċċessaw l-informazzjoni, jesprimu ruħhom, jingħaqdu, jorganizzaw u jipparteċipaw fil-ħajja pubblika” (OECD, [the Protection and Promotion of Civic Space](#)).

ħieles u abilitanti ta' dan it-tip teħtieġ **monitoraġġ u reazzjonijiet effettivi** meta jinqalġu attacki jew theddid.

L-appoġġ għal soċjetà ċivili vibranti jibqa' ċentrali għall-ħidma tal-Kummissjoni fl-oqsma kollha ta' politika — impenn li huwa rifless f'diversi strateġiji u dokumenti ta' politika¹⁸. Ir-[rapport annwali tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-Karta](#) ffoka fuq l-ispazju ċiviku, l-immappjar tal-miżuri eżistenti u l-identifikazzjoni ta' lakuni u oqsma għal titjib, u ġie kkomplementat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett¹⁹.

Tressqu bosta miżuri biex jiġi ssalvagwardjat l-ispazju ċiviku. Pereżempju, billi jiġu indirizzati l-ostakli sistemiċi li jfixxlu l-kollaborazzjoni transfruntiera bejn l-OSĊ, il-[Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali](#) (SEAP) u r-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali](#) għandhom l-għan li jsaħħu l-OSĊ billi jsaħħu l-kapaċità, il-viżibbiltà u l-impatt tagħhom fl-ekonomija soċjali. Il-Kummissjoni ħadet ukoll passi konkreti biex toħloq ambjent aktar ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili, inklużi miżuri biex tiġi żgurata tassazzjoni ġusta għall-organizzazzjonijiet tal-karità u biex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess tagħhom għas-servizzi finanzjarji. Pereżempju, skont ir-[Regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus](#) adottat reċentement, ġew introdotti miżuri biex jiġi żgurat li l-OSĊ ma jiġux miċħuda servizzi finanzjarji, bħal kontijiet bankarji, unikament minħabba li joperaw f'pajjiżi meqjusa li jippreżentaw riskju għoli ta' ħasil tal-flus²⁰.

3.1. Nifmu l-ostakli u t-theddid: il-monitoraġġ tal-ispazju ċiviku

Il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw dwar miżuri li fil-fehma tagħhom **jirrestrinġu l-ambjent** li fih joperaw l-OSĊ u d-DDB²¹. Dawn jistgħu jinkludu rekwiżiti ta' reġistrazzjoni sproporzjonati u ta' piż, regoli tat-taxxa jew tar-rapportar finanzjarju, nuqqasijiet fl-aċċess għall-finanzjament, ostakli żejda biex jingħataw servizzi finanzjarji, u rekwiżiti legali li jirrestrinġu l-operazzjonijiet transfruntieri.

Xi OSĊ jirrapportaw ukoll dejjem aktar dwar kif jiffaċċjaw firxa ta' **theddid u attacki** inklużi attacki fuq il-persunal jew il-bini tagħhom, kampanji ta' malafama u diżinformazzjoni, jew kawżi strateġiċi kontra l-parteciġazzjoni pubblika (SLAPPs). Ittentattivi biex l-assoċjazzjonijiet jiġu xolti bla bżonn, iż-żarmar ta' strutturi ta' djalogu, l-iffriżar jew it-tnaqqis diskrezzjonali tal-finanzjament jew miżuri ta' sorveljanza illegali jitqajmu wkoll bħala tħassib mis-soċjetà ċivili. Ir-repressjoni tranżnazzjonali minn pajjiżi terzi hija fenomenu li qed jikber li jaffettwa b'mod partikolari lid-DDB²². In-natura transfruntiera ta' tali repressjoni toħloq ostakli sinifikanti għad-DDB affettwati meta jressqu lmenti, ifittxu protezzjoni, jew jitolbu ġustizzja. F'dak ir-rigward, spiss jiffaċċaw ostakli speċifiċi relatati mad-dokumenti tal-ivvjaġġar u r-rekwiżiti għal viża²³ kif ukoll ostakli amministrattivi u dewmien.

¹⁸Ara [Strateġija tal-2020 biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE](#), il-[Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija tal-2020](#), u eżempji speċifiċi bħall-[Istrateġija tal-Unjoni għall-Ugwaljanza](#); il-[Bauhaus Ewropea l-Għida](#), u l-[Aġenda tal-Konsumatur 2025–2030](#).

¹⁹Il-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE](#).

²⁰Ara l-Artikolu 21(3) u l-premessa 53 tar-[Regolament \(UE\) 2024/1624](#).

²¹[Konsultazzjonijiet tal-FRA dwar l-ispazju ċiviku 2024 – konstatazzjonijiet ewlenin](#); [Rapport ta' sinthezi fattwali](#).

²²It-terminu “repressjoni transnazzjonali” jirreferi għal tip ta' repressjoni politika mwettqa minn stat barra mill-fruntieri tiegħu, ara, pereżempju, [nota tal-OHCHR tan-NU dwar ir-repressjoni transnazzjonali](#).

²³Ara, pereżempju, il-[Manwal tal-Kodiċi tal-Viża tal-UE](#) li jipprovdi gwida speċifika biex jassisti lid-DDB.

Dan jista' jkollu **effett konsegwenzjali**, li jwassal biex l-OSĊ jillimitaw l-involviment tagħhom u jiskoraġġuhom milli jeżerċitaw bis-sħiħ ir-rwoli tagħhom. Barra minn hekk, dawn jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-OSĊ li jaħdmu fuq suġġetti relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u gruppi li huma sottorappreżentati, emarġinati u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli²⁴. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jeħtieġ approċċ koerenti u komprensiv mill-UE u mill-Istati Membri.

Monitoraġġ effettiv tal-ispazju ċiviku huwa essenzjali għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-OSĊ fil-ħidma tagħhom. Identifikazzjoni ċara tar-riskji u t-theddid tista' tirriżulta f'azzjonijiet konkreti ta' segwitu minn dawk l-atturi li jkunu mgħammra biex jipprovdu appoġġ – kemm **preventiv** (b'reazzjoni għal sinjali ta' twissija bikrija) kif ukoll **reattiv** (fid-dawl ta' theddid jew attacki reali). Tali miżuri jistgħu jinkludu dikjarazzjonijiet pubbliċi li jikkundannaw żviluppi dannużi u jesprimu appoġġ għall-ħidma tal-OSĊ, finanzjament għal appoġġ psikosoċjali, pariri legali, u finanzjament ta' emerġenza.

Il-Kummissjoni żviluppat l-għodod ta' monitoraġġ u valutazzjoni tagħha stess li jiffukaw ukoll fuq aspetti relatati mal-ispazju ċiviku. Skont ir-[rapporti dwar l-Istat tad-Dritt](#), il-Kummissjoni timmonitorja l-iżviluppi fl-Istati Membri kollha u f'xi pajjiżi tat-tkabbir, filwaqt li tenfasizza kemm l-iżviluppi pożittivi kif ukoll dawk negattivi fir-rigward tal-ispazju ċiviku, u toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi meta jkun rilevanti. Għall-pajjiżi tat-tkabbir, tali informazzjoni tiġi mmonitorjata wkoll bħala parti mill-pakkett annwali tat-tkabbir²⁵.

Il-Kummissjoni tirċievi wkoll informazzjoni dwar l-isfidi li l-OSĊ jħabbtu wiċċhom magħhom fuq bażi *ad hoc* permezz tal-involviment tas-soċjetà ċivili magħha stess. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju taħt programmi għal bosta proġetti mmexxija minn konsorzji ta' OSĊ li jwettqu monitoraġġ tal-ispazju ċiviku, fl-UE u lil hinn minnha²⁶.

Il-Kummissjoni tiddependi wkoll fuq attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa minn atturi oħrajn, inklużi l-NHRIs u l-organizzazzjonijiet internazzjonali²⁷. L-FRA għandha rwol kruċjali f'dan il-qasam billi [tippubblika rapporti dwar l-ispazju ċiviku](#), tenfasizza prattiki promettenti, tappoġġa skambji fost atturi internazzjonali u nazzjonali, u toħroġ rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam.

3.2. *L-għoti ta' tweġibiet fil-livell tal-UE*

Diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE jikkontribwixxu direttament għall-protezzjoni tal-OSĊ fl-UE. Pereżempju, id-[Direttiva Anti-SLAPPs](#) u r-[Rakkomandazzjoni](#) jipprovdu salvagwardji proċedurali biex jipproteġu lill-persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteeċipazzjoni pubblika, inklużi l-OSĊ, minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti ġudizzjarji abbużivi. Biex tappoġġa l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tappoġġa t-

²⁴Ara, pereżempju, ir-[Riżoluzzjoni 2021/2103 \(INI\)](#) tal-Parlament Ewropew, [FRA, Protecting civil society – Update 2023](#).

²⁵Ara l-[pakkett tat-tkabbir tal-UE](#), li jkopri l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna u t-Turkija.

²⁶Ara, pereżempju: il-proġett [Azzjoni ta' Monitoraġġ għall-Ispazju Ċiviku \(MACS\)](#); ir-[rapport annwali dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-Guidelines for EU Support to Civil Society in the Enlargement Region](#); is-[CSO Meter](#); u s-[Sistema tal-UE għal Ambjent Abilitanti għas-Soċjetà Ċivili](#).

²⁷Ara, pereżempju, l-Istat tal-[bażi tad-data tal-istat tad-dritt fl-Ewropa](#) miżmuma min-[Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem](#); il-monitoraġġ globali mwettaq minn [Civicus](#); ir-[Rapport tal-2024 tal-OHCHR tan-NU dwar l-Ispazju tas-Soċjetà Ċivili](#); il-[mekkaniżmu ta' rappurtar indipendenti](#) tas-Sħubija ta' Gvern Miftuħ; u l-[Pjattaforma tal-KtE għas-Sikurezza tal-Ġurnalisti](#).

taħriġ għall-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja dwar is-SLAPPs immirati lejn l-OSĊ u l-litigazzjoni dwar il-Karta, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' espressjoni u ta' għaqda.

Il-Kummissjoni tappoġġa bosta miżuri ta' protezzjoni li jitwettqu minn inizjattivi ddedikati mmexxija mill-OSĊ. Miżura ewlenija ffinanzjata mill-UE taħt il-[Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri \(CERV\)](#) hija l-użu ta' **appoġġ finanzjarju lil terzi** (FSTP), li jippermetti lill-OSĊ li jirċievu fondi tal-UE biex jaġixxu bħala intermedjarji, li jistgħu jibnu l-kapaċità u jqassmu fondi lil OSĊ iżgħar jew fil-livell bażi, inklużi dawk li jista' jkollhom bżonn jirrispondu għal sitwazzjonijiet jew emerġenzi urġenti jew mhux mistennija. Dan l-aħħar l-UE nediet ukoll sejħa biex issaħħaħ in-Network Ewropew tal-Verifika tal-Fatti, inkluża skema ta' protezzjoni kontra l-fastidju, filwaqt li tirrikonoxxi li l-komunità tal-verifika tal-fatti qed tiġi dejjem aktar attackkata, akkużata b'ċensura u qed tiffaċċja l-intimidazzjoni.

Fil-kuntest tat-**tkabbir u l-adeżjoni**, it-trawwim ta' ambjent abilitanti u l-iżgurar ta' rwol aktar b'saħħtu u aktar sinifikanti għall-OSĊ jibqgħu essenzjali. Meta jiġi vvalutat il-Funzjonament tal-Istituzzjonijiet Demokratiċi (FID), jiġi eżaminat ukoll l-ambjent li fih joperaw l-OSĊ. L-adozzjoni fl-2020 tal-[metodoloġija tat-tkabbir riveduta](#) tenfasizza li r-riformi ewlenin kollha fil-pajjiżi tat-tkabbir għandhom jitwettqu b'mod kompletament trasparenti u inklużiv, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Skont din il-metodoloġija riveduta, il-pajjiżi kandidati huma meħtieġa jabbozzaw Pjan Direzzjonali dwar il-FID, li jiddeskrivi azzjonijiet speċifiċi biex jissaħħaħ l-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili.

3.3. Il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku fil-livell nazzjonali

L-Istati Membri għandhom rwol kruċjali fl-abilitazzjoni u l-protezzjoni tal-ispazju ċiviku fil-livell nazzjonali, fil-livell lokali u fil-livell bażi, u spiss ikunu l-ewwel li jipprovdu appoġġ konkret lill-OSĊ li jkun f'riskju. Għalhekk, il-ħidma mal-Istati Membri biex jiġi promoss ambjent sikur, ta' appoġġ u abilitanti għall-OSĊ madwar l-UE kollha hija prijorità importanti għall-Kummissjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 tistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-iżviluppi fl-ispazju ċiviku bl-użu ta' indikaturi ċari u oqfsa ta' rapportar strutturati. Hija tteġġegħ lill-Istati Membri jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, jiffaċilitaw l-aċċess għal proċeduri jew mezzi speċjali għar-rapportar ta' theddid u attackki, u jiddokumentaw u janalizzaw b'mod sistematiku l-ambjent operattiv li fih jaħdmu l-OSĊ. Bosta Stati Membri wieġbu r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni billi adottaw **miżuri biex isaħħu l-ispazju ċiviku fil-livell nazzjonali**. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali ddedikati biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-involviment ċiviku bejn iċ-ċittadini, l-OSĊ u l-awtoritajiet lokali. Xi wħud stabbilew proġetti biex inaqqsu l-piż amministrattiv meta jeżerċitaw id-dritt ta' għaqda u assoċjazzjoni, jew stabbilew taxa speċifika u inċentivi oħrajn għall-finanzjament tal-OSĊ²⁸.

²⁸Ara, pereżempju, [L-Istrateġija](#) Nazzjonali għall-Kooperazzjoni bejn l-Amministrazzjoni Pubblika u l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Mingħajr Skop ta' Qligħ taċ-Ċekja 2021–2030 u l-Kunsill tal-Gvern tagħha għall-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Mingħajr Skop ta' Qligħ; [L-Istrateġija](#) Federali tal-Involviment Ċiviku tal-Ġermanja u l-Fondazzjoni tagħha għall-Involviment Ċiviku u x-Xogħol Volontarju; [L-Istrateġija](#) tas-Soċjetà Ċivili tad-Danimarka għall-2022–2025; [L-Istrateġija](#) tas-Soċjetà Ċivili tal-Finlandja u l-[Bord](#) Konsultattiv dwar il-Politika tas-Soċjetà Ċivili; u l-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili/Dar iċ-Ċittadini tal-Portugall.

Bosta Stati Membri introduċew ukoll **miżuri biex jipproteġu l-OSĊ**, inkluż permezz tas-sistema ġenerali ta' rimedji legali disponibbli fis-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja amministrattiva, ċivili u kriminali. Xi wħud stabbilew jew appoġġaw **servizzi ta' konsulenza ddedikati**, li jiffukaw speċifikament fuq il-mibegħda u d-diskriminazzjoni (online)²⁹. Il-korpi u l-istituzzjonijiet indipendenti nazzjonali — b'mod partikolari l-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-ombudspersons — jista' jkollhom rwol vitali fil-protezzjoni tal-OSĊ fil-livell nazzjonali, billi jimplifikaw l-ilħna tagħhom, joħolqu għarfien pubblika, u jappoġġaw l-isforzi għall-bini tal-kapaċitajiet. Dawn l-azzjonijiet huma **investiment ċar** fl-iżgurar ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u fl-għoti ta' rispons meta jkunu f'riskju.

3.4 Tisħiħ tal-appoġġ u l-protezzjoni

Filwaqt li sar progress importanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati jappellaw għal approċċ aktar ikkoordinat għall-protezzjoni tal-OSĊ, u hemm bżonn ta' azzjoni aktar ikkoordinata u aktar b'saħħitha fil-livell tal-Istati Membri, fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi li jaffettwaw l-OSĊ, jiġu implimentati miżuri preventivi b'reazzjoni għal sinjali ta' twissija bikrija ta' spazju ċiviku li qed jiċkien, u biex l-OSĊ jiġu protetti minn tali theddid u attacki. Għal dak l-għan u biex jiġu mmappjati l-inizjattivi ta' monitoraġġ eżistenti fil-livell lokali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, il-Kummissjoni se toħloq, f'kooperazzjoni mal-FRA, **ċentru ta' għarfien online dwar l-ispace ċiviku**. Dan iċ-ċentru se jiffaċilita l-aċċess għal proġetti, għodod u attivitajiet eżistenti ta' monitoraġġ u protezzjoni, inklużi l-miżuri ta' protezzjoni disponibbli.

Iċ-ċentru se jgħin biex jiġu identifikati x-xejriet u l-lakuni fil-monitoraġġ tal-ispace ċiviku billi jikkonsolida l-informazzjoni u juża dik l-istess informazzjoni biex tiggwida l-azzjonijiet rilevanti u jiġu indirizzati tali żviluppi. Abbażi ta' hekk, **jistgħu jiġu esplorati aktar miżuri ta' protezzjoni**, bħal assistenza urġenti lill-organizzazzjonijiet mhedda, koordinazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni disponibbli fl-Istati Membri, taħriġ u appoġġ għall-arranġamenti amministrattivi, legali u loġistiċi. Huwa kruċjali li jkun hemm għarfien ibbażat fuq l-evidenza tas-sitwazzjoni fil-prattika biex tkun tista' tiġi żgurata reazzjoni adegwata għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-OSĊ u d-DDB.

Importanti li jiġi żgurat li l-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE u daww nazzjonali jipromwovu ambjent abilitanti għall-OSĊ u li jissaħħu l-azzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-protezzjoni għall-OSĊ. Pereżempju, il-valutazzjonijiet tal-impatt u d-djalogi dwar l-implimentazzjoni huma proċessi strutturati importanti li jgħinu fl-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-effetti u l-konsegwenzi tal-politiki u l-leġiżlazzjonijiet ippjanati. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-**impatti tal-inizjattivi tagħha għas-soċjetà ċivili fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet fil-qafas ta' Regolamentazzjoni Aħjar**.

Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ulterjuri tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2023/2836, il-Kummissjoni se **torganizza skambji mal-Istati Membri biex tkompli ssaħħaħ l-appoġġ u l-protezzjoni tal-OSĊ**, bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u tappoġġa t-taħriġ fil-livell nazzjonali għall-professionisti tal-ġustizzja dwar is-SLAPPs u l-Karta. Fil-kuntest tat-**tkabbir**, il-Kummissjoni se **ssaħħaħ**

²⁹Ara, pereżempju, il-proġetti ffinanzjati federalment tal-Ġermanja REspect! u Hate Aid; alleanzi kooperattivi; infrastruttura federali "[toneshift — Network kontra l-Mibegħda u d-Diżinformazzjoni Online](#)".

is-sistemi ta' twissija bikrija tagħha, biex tippermetti reazzjonijiet aktar b'saħħithom dwar theddid emerġenti.

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa l-ħolqien ta' ċentru ta' għarfien online dwar l-ispazju ċiviku li jiddokumenta inizjattivi eżistenti ta' monitoraġġ tal-ispazju ċiviku, rapporti u riżorsi ta' protezzjoni, fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, f'kooperazzjoni mal-FRA.
- Tesplora possibbiltajiet biex jissaħħu u jiġu kkoordinati l-miżuri ta' protezzjoni disponibbli għall-OSĊ u d-DDB f'riskju fl-UE.
- Tappoġġa t-taħriġ għall-professjonisti tal-ġustizzja dwar is-SLAPPs immirati lejn l-OSĊ u l-litigazzjoni dwar il-Karta, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' espressjoni u ta' għaqda.
- Tappoġġa l-bini tal-kapaċità nazzjonali u torganizza skambji mal-Istati Membri dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 rigward il-protezzjoni u l-appoġġ, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti, inklużi l-KESE u l-FRA.
- Issaħħaħ is-sistemi ta' twissija bikrija tal-UE għad-detezzjoni ta' sinjali emerġenti ta' spazju ċiviku li qed jiċkien fil-pajjiżi tat-tkabbir.

L-Istati Membri mistednin:

- Jiżviluppaw jew jaġġornaw strateġiji nazzjonali ddedikati jew pjanijiet ta' azzjoni għall-appoġġ, il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jrawmu spazju ċiviku sikur u abilitanti, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836.

L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali mistiedna:

- Tkompli l-monitoraġġ u r-rappurtar tagħha dwar l-ispazju ċiviku, u toħloq network ta' rappreżentanti minn istituzzjonijiet u korpi nazzjonali u tal-UE, OSĊ, u organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fuq il-monitoraġġ u l-protezzjoni tal-ispazju ċiviku, sabiex ikunu jistgħu jiskambjaw data, esperjenza u l-aħjar prattiki.

4. FINANZJAMENT ADEGWAT, SOSTENIBBLI U TRASPARENTI GĦAS-SOĊJETÀ ĊIVILI

Bħala parti minn ambjent abilitanti kumplessiv, l-OSĊ jeħtieġu **appoġġ adegwat u sostenibbli** biex iwettqu l-ħidma vitali tagħhom, jinvolvu ruħhom b'mod effettiv ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u jkomplu jagħmlu kontributi sinifikanti għas-soċjetajiet tagħna. F'dan ir-rigward, **finanzjament fit-tul, prevedibbli u suffiċjenti huwa kruċjali** sabiex tiġi pprovduta l-istabbiltà li l-OSĊ jeħtieġu biex joperaw b'mod indipendenti u effettiv.

L-OSĊ jiddependu minn finanzjament minn taħlita ta' **sorsi pubbliċi u privati** biex jifinanzjaw l-attivitajiet tagħhom. Fl-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġaw lill-OSĊ b'modi differenti, inkluż permezz ta' għotjiet operattivi u finanzjament ibbażat fuq il-proġetti. L-OSĊ jistgħu jirċievu wkoll finanzjament permezz ta' donazzjonijiet individwali u għotjiet minn fondazzjonijiet privati, organizzazzjonijiet filantropiċi, jew kumpaniji u negozji. Appoġġ ta' finanzjament addizzjonali jista' jiġi minn skemi ta'

allokazzjoni, li huma operati minn xi Stati Membri, u jippermettu lill-kontribwenti jinnominaw direttament, permezz tad-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul tagħhom, perċentwal fiss jew ammont fiss tat-taxxa fuq id-dħul tagħhom li jitħallas lil entità li tikkwalifika³⁰.

Il-finanzjament huwa essenzjali fl-ispettru sħiħ tal-attivitajiet tal-OSĊ. Barra minn hekk, l-involvement tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE huwa objettiv speċifiku ta' finanzjament ta' bosta programmi tal-UE. Bosta programmi tal-UE jappoġġaw attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'oqsma ta' politika differenti³¹. Dawn jinkludu Orizzont Ewropa, inkluż il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Għida, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-programm CERV, Erasmus+, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), il-Programm dwar il-Ġustizzja, ir-Rabta bejn l-azzjonijiet tal-iżvilupp rurali (LEADER), il-Programm tal-Unjoni Kontra l-Frodi u l-programm LIFE. Fir-reġjun tat-tkabbir, l-UE tippovdi appoġġ lill-OSĊ, inkluż permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III). L-Għotjiet taż-Żona Ekonomika Ewropea u tan-Norveġja huma komplementari għall-finanzjament tal-UE, u jappoġġaw l-OSĊ fl-Ewropa, permezz tal-[Fond għaċ-Ċittadini Attivi](#).

Is-sħubija u t-trasparenza huma prinċipji ewlenin għall-finanzjament tal-UE. Il-prinċipju tas-sħubija tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi u firxa wiesgħa ta' sħab, inklużi s-sħab soċjali u l-OSĊ, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ffinanzjati mill-UE. Dan il-prinċipju jiżgura li partijiet ikkonċernati diversi jkunu involuti fit-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-fondi tal-UE biex jittejjbu l-effettività, l-effiċjenza u l-akkontabilità tagħhom³².

It-trasparenza, f'konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti, tibqa' l-prinċipju gwida fil-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Hemm salvagwardji u proċeduri speċifiċi fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE għal kwalunkwe tip ta' benefiċjarju (min-negozji sal-OSĊ u l-individwi) ikun **trasparenti u jkollu akkontabilità**, u biex jiġi żgurat ir-**rispett għall-valuri tal-UE**, inkluż billi tiġi ppubblikata informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE f'ġestjoni diretta u indiretta³³.

Skont ir-regoli applikabbli, b'mod partikolari r-[Regolament Finanzjarju tal-UE](#), kif ukoll l-oqfsa kuntrattwali għall-għotjiet, hemm fis-seħħ salvagwardji b'saħħithom biex jiġi

³⁰L-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u r-Repubblika Slovacka joperaw sistemi bħal ta' dan it-tip.

³¹Dawn il-programmi jistgħu jitmexxew taħt ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża. Madwar 80 % tas-sorsi ta' finanzjament tal-UE għall-NGOs huma ġestiti mill-pajjiżi tal-UE stess. Kull pajjiż jipprovdi [informazzjoni dettaljata dwar il-finanzjament](#) u l-proċeduri ta' applikazzjoni fuq is-siti web tal-awtoritajiet ta' ġestjoni. L-għoti ta' fondi tal-UE taħt ġestjoni diretta jsegwi sejħiet disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-regoli stabbiliti fir-[Regolament Finanzjarju tal-UE \(UE, Euratom\) 2024/2509](#), inklużi l-prinċipji ewlenin tat-trasparenza u t-trattament ugwali, l-applikazzjonijiet validi kollha għall-finanzjament jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-eliġibbiltà, tal-esklużjoni, tal-għażla u tal-aġġudikazzjoni speċifikati fis-sejħiet. Għal ħarsa ġenerali, ara l-[Opportunitajiet ta' finanzjament għall-NGOs](#).

³²Il-prinċipju ssaħħaħ billi ġiet inkluża l-possibbiltà li jiġi allokat perċentwal xieraq ta' riżorsi għall-bini tal-kapaċità amministrattiva tas-sħab soċjali u l-OSĊ u billi ġie enfasizzat ir-rwol tal-[Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar is-Sħubija](#) fl-istadji kollha tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni.

³³Din l-informazzjoni hija disponibbli għall-pubbliku fis-[sit tas-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja \(STF\)](#) tal-Kummissjoni. Ir-reviżjoni reċenti tar-Regolament Finanzjarju introduċiet dispożizzjonijiet ta' trasparenza aktar ambizzjużi, li se jidħlu fis-seħħ mill-QFP ta' wara l-2027.

żġurat li **kwalunkwe entità u proġett li l-oġġettivi tagħhom huma inkompatibbli mal-valuri tal-UE ma jirċevux appoġġ**. Biex tkompli ssaħħaħ dawn is-salvagwardji u r-rekwiżiti, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkunsidra l-fattibbiltà li jizjeddu indikaturi tar-riskju biex jissaħħu l-kontrolli tal-konformità tal-valuri tal-UE, bħala parti mill-iżvilupp tal-ġhodka għall-kejl tar-riskju [Arachne](#), jekk teknikament possibbli u legalment konformi, u li tesplora l-fattibbiltà li tiżdied il-frekwenza tal-aġġornamenti magħmula għad-data disponibbli għall-pubbliku fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tagħha³⁴. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat nota li tipprovd i [gwid](#) dwar it-tip ta' attivitajiet li l-Unjoni ma għandhiex teħtieġ bħala kundizzjoni għall-finanzjament bħala parti mill-iżvilupp tal-politika u tal-leġiżlazzjoni, mill-implimentazzjoni tal-politika, mill-monitoraġġ u mill-infurzar.

Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żġurata l-**aċċessibbiltà tal-finanzjament pubbliku madwar l-UE**. L-OSĊ jirrapportaw li l-finanzjament pubbliku spiss jiġi dirett primarjament lejn l-istituzzjonijiet tal-istat, b'aċċess limitat u inkonsistenti għall-OSĊ, speċjalment l-organizzazzjonijiet bażi u iżgħar³⁵. Barra minn hekk, l-OSĊ li jaħdmu fuq suġġetti relatati ma' gruppi li huma sottorappreżentati, emarġinati, u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli spiss isibuha diffiċli biex jaċċessaw finanzjament fit-tul.

Il-Kummissjoni diġà ħadet bosta passi biex **tissemplifika** l-proċeduri applikabbli, **tnaqqas il-piż amministrattiv u tallinja** dawn il-proċeduri mal-bżonnijiet tal-OSĊ fil-prattika (eż. bl-użu ta' ħlasijiet ta' somma sħiħa u programmi ta' ħidma pluriennali). L-użu akbar ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, fejn il-fondi tal-UE jiġu żborżati lil organizzazzjonijiet iżgħar minn OSĊ akbar, ippermetta li l-finanzjament tal-UE jilħaq organizzazzjonijiet zġħar u bażi illi kieku ma kinux ikunu jistgħu jaċċessaw il-finanzjament tal-UE, u min-naħa tiegħu jikkontribwixxi għall-appoġġ ta' firxa varjata ta' soċjetà ċivili. Dan kien, pereżempju, strumentali fl-appoġġ lill-OSĊ li jaħdmu biex jipproteġu u jipromwovu l-valuri tal-UE taħt programmi bħall-[EU DEAR](#) s-CERV³⁶.

B'baġit kumplessiv ta' aktar minn **EUR 1.5 biljun għall-perjodu 2021–2027**, il-**programm CERV** jokkupa spazju uniku fix-xenarju ta' finanzjament tal-OSĊ peress li spiss ikun l-uniku sors ta' finanzjament disponibbli għall-OSĊ li jaħdmu fuq id-drittijiet u l-valuri fundamentali fl-UE. Mill-2021, il-programm appoġġa aktar minn 6 000 OSĊ madwar l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux tal-UE eliġibbli kollha. Fl-ewwel erba' snin ta' implimentazzjoni, l-OSĊ kienu l-benefiċjarji ewlenin tas-CERV li rċevew 77 % tal-fondi mogħtija. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovd i appoġġ finanzjarju lill-OSĊ u lid-DDB f'riskju, inkluż billi tesplora l-possibbiltà li **tkompli tespandi l-użu tal-appoġġ finanzjarju għall-iskemi ta' partijiet terzi** fil-programmi ta' finanzjament rilevanti kollha tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-**Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028–2034**³⁷, adottat fis-16 ta' Lulju 2025, tagħmilha ċara li l-appoġġ finanzjarju għall-OSĊ se jibqa' prijorità għas-snin li ġejjin, f'firxa ta' oqsma ta' politika. Il-**programm il-ġdid AgoraEU** jibni fuq is-suċċess tal-programmi attwali Ewropa Kreattiva u CERV b'**baġit indikattiv totali miżjud ta' kważi EUR 9 biljun**. L-AgoraEU se jsaħħaħ il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, iħeġġeġ il-parteeipazzjoni demokratika u r-reżiljenza, tipromwovi d-diversità kulturali u l-libertà artistika, u jrawwem xenarju ta'

³⁴Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni lill-[Kummissjoni Ewropea għar-Rapport Speċjali 11/2025 tal-QEA](#).

³⁵Rapport ta' sinteżi fattwali.

³⁶Rapport dwar l-evalwazzjoni interim tal-programm CERV; u r-Rapport dwar il-Karta tal-2024.

³⁷Ara [hawnhekk](#) għal aktar informazzjoni dwar il-proposta tal-UE għall-QFP 2028–2034.

informazzjoni liberu u diversa billi jikkonsolida l-appoġġ għall-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili.

Il-[Programm Erasmus+](#) propost se jintegra l-[Korp Ewropew ta' Solidarjetà](#), ma' baġit indikattiv ta' **EUR 40,8 biljun**, u minbarra li jappoġġa l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet, se jippromwovi r-reżiljenza, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-involvement ċiviku, permezz ta' perkorsi ta' taġħlim formali, mhux formali u informali. Il-[programm Orizzont Ewropa](#) se jkompli jappoġġa r-riċerka li għandha l-għan li ssaħħaħ id-demokrazija, inkluż billi jippromwovi l-involvement ċiviku.

Bħala parti mill-proposta tal-QFP, il-**Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali** proposti għandhom ukoll l-għan li jappoġġaw ir-riformi u l-investment biex jinbnew il-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab soċjali biex jiġu rispettati l-valuri tal-UE, l-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ. Il-proposta tal-QFP tirrikonoxxi u tafferma mill-ġdid ukoll il-prinċipju ta' sħubija mal-OSĊ, filwaqt li tibni fuq **approċċ ta' governanza f'diversi livelli**. Il-**Faċilità tal-UE** proposta wkoll bħala parti minn dan il-fond tippovdi, fost azzjonijiet oħra, finanzjament għal azzjonijiet ambjentali u klimatiċi, inkluż biex tappoġġa u ssaħħaħ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. B'mod aktar ġenerali, ladarba jiġi adottat, il-QFP 2028–2034 se jkompli jarmonizza u jissimplifika l-proċeduri, u b'hekk inaqqas il-piż amministrattiv għall-OSĊ fil-prattika. Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jikkunsidraw ir-rwol essenzjali tal-finanzjament għall-OSĊ fin-negożjati li ġejjin dwar il-QFP 2028–2034.

4.1. Il-mobilizzazzjoni tal-atturi u l-akkomunament tar-riżorsi

Il-finanzjament tal-UE huwa kruċjali biex jissaħħu l-OSĊ, iżda huwa ċar li l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-OSĊ madwar l-UE u l-pajjiżi kandidati jistgħu jiġu ssodisfati biss permezz ta' finanzjament minn sorsi differenti. Minbarra d-donaturi pubbliċi fil-livell nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, hemm ukoll rwol dejjem akbar għad-**donaturi privati** (inklużi n-negożji) u l-**organizzazzjonijiet filantropiċi** (fondazzjonijiet individwali, fondi kollettivi u networks). Id-donaturi, huma wkoll iridu jkunu jistgħu joperaw f'ambjent legali u regolatorju abilitanti li jipproteġi l-libertajiet filantropiċi u jiffaċilita d-donazzjonijiet (transfruntieri). Dan jinkludi qafas legali li jirrikonoxxi l-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet (inkluż min-naħa għall-oħra tal-fruntieri), kif ukoll li jiżgura li l-OSĊ u d-donaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn inċentivi fiskali għal donazzjonijiet li l-Istati Membri jixtiequ jipprovdu³⁸.

L-OSĊ jirrapportaw li spiss ikun diffiċli li tinstab informazzjoni dwar it-tipi differenti ta' finanzjament li jkunu disponibbli u l-entitajiet li jipprovduhom. Hemm bżonn ta' aktar qsim tal-informazzjoni, djalogu u kollaborazzjoni kemm bejn id-donaturi, kif ukoll bejn id-donaturi u l-OSĊ, biex id-deċiżjonijiet dwar id-diversi modi kif jinġhata appoġġ jittieħdu b'mod aktar strateġiku u tiġi evitata d-duplikazzjoni. **Għalhekk, il-Kummissjoni se tiffaċilita d-djalogu bejn id-donaturi**, u bejn id-donaturi u l-OSĊ, inkluż permezz tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili, sabiex jiġu skambjati l-esperjenzi, jiġu identifikati lakuni fil-finanzjament u tiġi żgurata aħjar il-komplementarjetà tas-sorsi ta' finanzjament.

³⁸Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jistabbilixxi li l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw il-benefiċċji ta-taxxa għal organizzazzjonijiet tal-karità domestiċi jew għal donazzjonijiet/legati favur entitajiet domestiċi, filwaqt li jeskludu minn tali benefiċċji istituzzjonijiet tal-karità barranin jew donazzjonijiet/legati lil istituzzjonijiet tal-karità barranin komparabbli. Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill C(2023) 1344 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali u Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal relatati.

L-OSĊ spiss jeħtieġu tipi oħra ta' appoġġ bħal **assistenza mhux finanzjarja**, li tista' tiġi pprovduta minn professjonisti jew voluntiera. B'mod partikolari, in-navigazzjoni tal-ambjent legali, amministrattiv, regolatorju u teknoloġiku attwali li l-OSĊ joperaw fih tirrikjedi dejjem aktar mhux biss li jkollhom il-mezzi finanzjarji meħtieġa, iżda wkoll li jkollhom ħiliet u għarfien esperti speċifiċi. L-appoġġ legali pprovdut minn **avukati pro bono** jista' jkollu rwol ewlieni f'dan ir-rigward³⁹. Huma jistgħu jgħinu bi kwistjonijiet legali u ta' konformità (eż. dwar l-obbligi applikabbli tal-impjeggi u tat-taxxa), jagħtu lill-OSĊ aktar spazju biex iwettqu attivitajiet ewlenin, kif ukoll jappoġġaw dawk il-kompiti ewlenin (eż. permezz ta' riċerka ta' promozzjoni, bini tal-kapaċitajiet u taħriġ, u litigazzjoni strateġika).

L-avukati *pro bono* jistgħu jgħinu wkoll lill-OSĊ billi jindirizzaw it-theddid u l-attakki, bħal kampanji ta' malafama u SLAPPs, inkluż billi jirrappreżentaw l-OSĊ fil-qorti u jipprovdu pariri legali. Għalhekk, il-Kummissjoni se **taħdem biex tgħaqqad il-komunitajiet ta' avukati pro bono mal-OSĊ** fis-setturi kollha u li jeħtieġu sostenn, sabiex tiffaċilita s-sostenn fi kwistjonijiet amministrattivi, ta' mobbiltà, legali u finanzjarji.

Il-Kummissjoni se:

- tiffaċilita d-djalogu bejn id-donaturi, u bejn id-donaturi u l-OSĊ, inkluż permezz tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili, sabiex jiġu skambjati l-esperjenzi, jiġu identifikati lakuni fil-finanzjament u tiġi żgurata aħjar il-komplementarjetà tas-sorsi ta' finanzjament.
- Taħdem biex tgħaqqad il-komunitajiet ta' avukati *pro bono* mal-OSĊ fis-setturi kollha u li jeħtieġu sostenn, sabiex tiffaċilita s-sostenn fi kwistjonijiet amministrattivi, ta' mobbiltà, legali u finanzjarji.
- Tesplora l-possibbiltà li tkompli tespandi l-użu tal-appoġġ finanzjarju għal skemi ta' partijiet terzi fil-programmi ta' finanzjament rilevanti kollha tal-UE, meta jkun xieraq.

L-Istati Membri mistednin:

- Jistabbilixxu u jżommu ambjent legali u regolatorju abilitanti għall-OSĊ u d-donaturi, inkluż il-filantropija, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u r-Rakkomandazzjoni usa' tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali.
- Jikkomplementaw il-fondi tal-UE għall-OSĊ b'mekkaniżmi ta' appoġġ domestiku, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836.

5. IS-SOĊJETÀ ĊIVILI FL-AZZJONI ESTERNA TAL-UE

L-impenn tal-UE li tinvolvi lis-soċjetà ċivili, tipproteġiha u tappoġġaha huwa rifless ukoll fl-azzjoni esterna tagħha. L-UE taħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili biex **tavvanza r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd** – bl-applikazzjoni ta' normi universali, iggwidati mid-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-OSĊ jipprovdu kontribuzzjonijiet importanti għat-tisħiħ tad-demokrazija u tas-soċjetajiet reżiljenti globalment. Pereżempju, spiss jaġixxu bħala sħab ta' implimentazzjoni għal proġetti ffinanzjati mill-UE fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, u l-programmi ta' bini tal-kapaċità, u jimmonitorjaw il-ftehimiet kummerċjali u ta'

³⁹Ara, pereżempju, is-servizzi pprovduti minn [PILnet](#).

assoċjazzjoni biex jiżguraw li jiġu rispettati l-klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli.

5.1. L-involvement tal-OSĊ internazzjonalment

L-OSĊ mistednin regolarment jaqsmu l-għarfien espert tagħhom dwar il-politiki esterni tal-UE u jikkontribwixxu għad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li l-UE twettaq fuq bażi regolari ma' pajjiżi u reġjuni sħab. Fil-livell tal-pajjiżi, id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom rwol kruċjali fl-involvement tal-OSĊ u d-DDB, u jistgħu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ispazju ċiviku lokalment.

Il-[Forum bejn l-UE u l-NGOs dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#) ilu deċennji jipprovdi opportunità regolari għall-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jiddiskutu sħubijiet internazzjonali u kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jindirizzaw l-isfidi għall-ispazju ċiviku globalment, direttament mal-kontropartijiet tal-UE. Il-[Forum ta' Politika dwar l-Iżvilupp](#) u ż-żewġ Faċilitajiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Viċinat tan-Nofsinar u tal-Lvant jipprovdu wkoll fora għall-involvement tal-OSĊ f'firxa ta' politiki tal-UE. Il-Kummissjoni impenjata ssaħħa l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili madwar id-dinja, inkluż biex tippermetti l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'fora multilaterali.

L-UE qed tinvolti lill-OSĊ fl-introduzzjoni tal-istrateġija tal-[Global Gateway](#) tal-UE u ħolqot il-[Pjattaforma Konsultattiva Global Gateway għall-OSĊ u l-Awtoritajiet Lokali](#) għal dan il-għan. L-OSĊ ukoll għandhom rwol importanti fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali, b'mod partikolari permezz tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi. L-UE, flimkien mal-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, żviluppatt **Pjanijiet direzzjonali għall-involvement tas-soċjetà ċivili** fil-livell tal-pajjiżi sħab, bl-għan li jiġi stabbilit djalogu sostnut u strutturat bejn dawn l-atturi. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tappoġġa u tippromwovi [reazzjonijiet iggwidati lokalment minn OSĊ u sħubijiet ekwi](#) f'ambjenti umanitarji. Dan se jsir permezz tal-appoġġ u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-OSĊ, billi jiżdied l-ammont ta' finanzjament umanitarju lill-OSĊ lokali u billi progressivament tingħata aktar awtorità lir-rispondenti lokali, inkluża s-soċjetà ċivili.

F'dawn il-mekkaniżmi, l-involvement tal-OSĊ u d-DDB jieħu approċċ sensittiv għas-sigurtà li jqis iċ-ċirkostanzi partikolari tal-interlokuturi, biex jiġi żgurat li l-involvement innifsu ma jesponix lill-organizzazzjonijiet għal riskji addizzjonali.

5.2. Il-protezzjoni u l-appoġġ tal-OSĊ globalment

L-UE tibqa' b'impenn fit-tul għall-protezzjoni u l-appoġġ tas-soċjetà ċivili u l-ispazju ċiviku globalment u fil-livell tal-pajjiżi. Dan huwa rifless, pereżempju, fil-[Komunikazzjoni dwar il-Kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni](#), il-[Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020–2027](#)⁴⁰, il-[Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem](#), u dwar id-[Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem](#), u l-[Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar id-Demokrazija](#), kif ukoll fl-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fi sħubijiet internazzjonali⁴¹. L-appoġġ lill-OSĊ u lid-DDB, u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fil-ħajja

⁴⁰L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija kienet akkumpanjata minn [konklużjonijiet tal-Kunsill](#) li jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijorità ewlenija fil-politika barranija tal-UE.

⁴¹Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, [L-Applikazzjoni tal-Approċċ Ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem għal sħubijiet internazzjonali](#).

pubblika u politika, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażaġh, huma prijoritajiet ewlenin tal-politika barranija tal-UE.

Biex tkompli tavvanza dawn l-oġġettivi, l-UE tikkoopera ma' organizzazzjonijiet u fora internazzjonali li jiżviluppaw normi dwar l-isparju ċiviku. Dawn jinkludu l-Kunsill tal-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

[Ir-Rapporti Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija](#) huma strument importanti għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tal-OSĊ u l-isparju ċiviku globalment. Mekkaniżmi oħrajn, bħall-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali, jippermettu lill-UE tivvaluta l-ambjent elettorali, inklużi l-kundizzjonijiet għall-osservazzjoni domestika tas-soċjetà ċivili, u tinvolvi b'mod wiesa' lis-soċjetà ċivili matul dawn il-missjonijiet.

L-appoġġ għall-kapaċità u r-reżiljenza tal-OSĊ, speċjalment l-organizzazzjonijiet ta' bażi, biex ikunu involuti b'mod sinifikanti fil-proċessi tat-tfassil tal-politika huwa prijorità fil-**Viċinat tal-Lvant**, b'mod partikolari fil-kuntest ta' spazju ċiviku li qed jiċkien⁴². Il-[Patt għall-Mediterran](#) jissottolinja l-importanza li tinżamm soċjetà ċivili vibranti fil-Viċinat tan-Nofsinhar, u għandu l-għan li jagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili, liż-żgħażaġh u lill-komunitajiet lokali, li jibnu l-kapaċitajiet tagħhom u li jrawmu l-parteċipazzjoni tagħhom fi djalogi lokali jew reġjonali.

L-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex tipproteġi l-isparju ċiviku u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż meta jkunu fil-mira ta' repressjoni tranżnazzjonali offline u online. Pereżempju, l-UE nediet is-Sistema tal-UE għall-Abilitazzjoni tal-Ambjent (EU SEE)⁴³ għas-soċjetà ċivili, li tappoġġa lill-OSĊ f'aktar minn 80 pajjiż biex jimmonitorjaw l-isparju ċiviku tagħhom, jagħtu twissijiet bikrija dwar ir-restrizzjonijiet, u jikkontribwixxu għat-tweġibiet.

Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll gwida permezz tal-[Manwal tal-Kodiċi tal-Viża](#) tagħha, inkluż dwar il-ħruġ ta' viżi għad-DDB, u tipprovidi taħriġ dwar hekk⁴⁴. Flimkien mal-Istati Membri, se tkompli tippromwovi l-Manwal u l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-gwida dwar il-ħtiġijiet partikolari tad-DDB.

5.3. L-għoti ta' finanzjament, il-bini ta' sħubijiet

Mill-2013 'il quddiem, l-UE appoġġat [il-Fond Ewropew għad-Demokrazija](#) (EED)⁴⁵, li jipprovdi appoġġ u protezzjoni kruċjali għall-OSĊ u d-DDB f'ambjenti ta' kriżi u repressivi. Mekkaniżmu ta' protezzjoni speċifiku ffinanzjat mill-UE huwa l-**Mekkaniżmu tal-UE għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem**, li ġie stabbilit biex jappoġġa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi⁴⁶, li jipprovdi diversi forom ta' appoġġ

⁴²Dan jinkludi appoġġ għall-OSĊ, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet ta' bażi, f'xi pajjiżi fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant (SL).

⁴³L-EU SEE huwa programm ta' sħubija li jfittex li jappoġġa lis-soċjetà ċivili biex tirnexxi globalment billi jipprevjeni l-isforzi biex jiġi ristrett l-isparju ċiviku.

⁴⁴Il-korsijiet ta' taħriġ jitwettqu b'mod partikolari permezz ta' proġett kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea taħt [l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi](#) (BMVI) u żviluppat mill-Aġenzija Żvediża għall-Migrazzjoni.

⁴⁵L-EED hija organizzazzjoni indipendenti u li tagħmel l-għotjiet, stabbilita fl-2013 mill-UE u l-istati membri tagħha bħala Fond Fiduċjarju Internazzjonali awtonomu biex titrawwem id-demokrazija fil-Viċinat Ewropew, fil-Balkani tal-Punent, fit-Turkija u lil hinn minnhom.

⁴⁶Il-mekkaniżmu appoġġa aktar minn [85 000 DDB mill-2015 'l hawn](#).

(eż. protezzjoni fiżika u diġitali; appoġġ legali u mediku; sorveljanza tal-proċessi u tal-ħabsijiet; bini tal-kapaċitajiet; promozzjoni; u rilokazzjoni temporanja).

Il-finanzjament huwa pprovdut lill-OSĊ permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), pereżempju, permezz ta' għotjiet ipprovduti permezz tal-programmi tematiċi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u s-Soċjetà Ċivili.

Skont il-**proposta tal-QFP tal-Kummissjoni għall-2028–2034**, il-kooperazzjoni mal-OSĊ fil-pajjiżi sħab u l-appoġġ għalihom jibqgħu prijorità taħt [l-Istrument Ewropa Globali](#) propost. Dan jinkludi l-impenn kontinwu għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija globalment.

5.4. Inħarsu 'l quddiem, niżviluppaw ir-reżiljenza

L-UE se tkompli tappoġġa spazju ċiviku u ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili madwar id-dinja, u timmonitorja d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-ispazju ċiviku permezz ta' mekkaniżmi eżistenti. Se tkompli tipprovdi wkoll appoġġ u protezzjoni lill-OSĊ u lid-DDB f'riskju, inkluż minn repressjoni tranżnazzjonali, permezz ta' inizjattivi bħal ProtectDefenders.eu u l-Fond Ewropew għad-Demokrazija.

L-UE qed iżżid l-involviment tagħha fil-livelli globali u reġjonali mas-soċjetà ċivili madwar proċessi ewlenin bħas-**Summits reġjonali**. L-UE se tkompli tinvolvi lill-OSĊ fi djalogu regolari bħala sħab ewlenin fil-ħidma tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-politika barranija, u se tikkonsulta lilhom u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fit-tnejn tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija** li jmiss. Hija se torganizza wkoll **Djalogi Strutturati konġunti tas-soċjetà ċivili ta' livell għoli** fir-reġjuni sħab, pereżempju fil-qafas tas-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE.

Skont il-**Patt għall-Mediterran**, bosta inizjattivi se jagħtu s-setgħa lill-atturi ewlenin biex jappoġġaw b'mod konkret il-komunitajiet tagħhom, b'mod partikolari billi jistabbilixxu Assemblea Parlamentari taż-**Żgħażaġħ għall-Mediterran**; jappoġġaw l-iżvilupp ta' servizz ċiviku Mediterranju; jagħtu s-setgħa lil organizzazzjoni mmexxija min-nisa bħala influwenzaturi kruċjali fil-komunitajiet tagħhom; u jsaħħu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fil-livell lokali biex jipromwovu l-inklużjoni soċjali inkluż għan-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Il-Kummissjoni se:

- Issaħħaħ l-involviment mas-soċjetà ċivili fl-oqsma ta' politika kollha tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE.
- Tikkonsulta lill-OSĊ dwar ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili fil-kuntest tat-tnejn tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija li jmiss.
- Issaħħaħ l-appoġġ tagħha għas-soċjetà ċivili madwar id-dinja, inkluż biex tippermetti l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'fora multilaterali.
- Torganizza Djalogu Strutturati konġunt tas-soċjetà ċivili ta' livell għoli fis-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE u tkompli tipromwovi djalogi konġunti ta' dan it-tip mas-sħab reġjonali tagħha.
- Issaħħaħ l-involviment tagħha taħt l-Inizjattiva għad-Demokrazija ta' Tim Ewropa biex tiddiskuti t-theddid emerġenti u li qed jevolvi għall-ispazju ċiviku.

- Tikkonkludi Ftehimiet Qafas ta' Sħubija ġodda biex tibni l-kapaċità u tgħaqqad l-OSĊ permezz ta' inizjattivi mmirati fir-reġjuni sħab tagħha.

L-Istati Membri mistednin:

- Jikkoordinaw mad-Delegazzjonijiet tal-UE fuq il-post biex tiżgura implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex tappoġġa l-introduzzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida (2025–27) tal-Pjanijiet Direzzjonali għall-Pajjiżi għal involviment mal-OSĊ.
- Jipprovdu l-bini tal-kapaċitajiet u jgħolqu kuxjenza dwaru, inkluż permezz ta' taħriġ ġdid, dwar il-gwida tal-Manwal tal-Kodiċi tal-Viża dwar il-faċilitazzjoni tal-viża għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jfittxu protezzjoni fit-territorju tal-UE.

6. KONKLUŻJONI

Is-soċjetà ċivili hija pedament tad-demokrazija madwar l-UE u lil hinn minnha. Is-soċjetà ċivili tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika, is-sħubija mal-gvern nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni tal-politiki u t-twassil ta' firxa wiesgħa ta' appoġġ u servizzi fis-setturi kollha tas-soċjetà. Il-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fi spazju ċiviku abilitanti, ħieles minn theddid u attacki, tgħin fil-promozzjoni u s-salvagwardja tal-valuri li l-UE hija msejsa fuqhom.

L-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili tistabbilixxi l-bażi għal involviment, appoġġ u protezzjoni msaħħa u soċjetà ċivili setgħana. Hija tippreżenta sett ta' miżuri koerenti u li jsaħħu lil xulxin biex ittejjeb b'mod effettiv il-protezzjoni tas-soċjetà ċivili u l-appoġġ għaliha, u biex tippermetti involviment effettiv u sinifikanti ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kemm fil-livell tal-UE, kemm f'dak nazzjonali, u kif ukoll fl-azzjoni esterna tal-UE.

L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija teħtieġ sforzi fil-livelli kollha. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE kif ukoll l-Istati Membri u l-pajjiżi tat-tkabbir, jeħtieġ li jikkontribwixxu kollha kemm huma. L-Istrateġija tirrikonoxxi li l-ispace ċiviku fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tat-tkabbir jiffirma continuum u space demokratiku kondiviż, u li soċjetà ċivili vibranti fi space ċiviku abilitanti hija essenzjali għall-progress lejn l-adeżjoni. Fil-livell globali, l-UE se tkompli tikkoopera mal-pajjiżi sħab tagħha u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali biex toħloq ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili u trawwem involviment, protezzjoni u appoġġ aktar b'saħħithom għall-OSĊ madwar id-dinja.

Il-Kummissjoni se titlob regolarment diskussjonijiet mal-Istati Membri, mas-soċjetà ċivili, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, u ma' atturi rilevanti oħrajn biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imressqa u tiegħu kont tal-progress.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. L-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollu jibqa' qawwi fil-QFP li jmiss, bi sforzi biex jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' finanzjament, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, u jittejjeb l-aċċess permezz ta' għodod diġitali faċli għall-utent.

